**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 3 ta' Mejju, 2017**

**Rikors nru: 115/2014 MLF**

**Korporazzjoni Enemalta u b'nota tat-8 ta' Jannar 2015, is-socjeta Enemalta plc assumiet l-atti ta' dawn il-proceduri minflok il-Korporazzjoni Enemalta u dan ai termini tal-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**vs**

**Ronald Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Korporazzjoni Enemalta, ikkonfermat bil-gurament minn Eric Montfort (Karta tal-Identita Numru 270160M) bhala mandatarju specjali debitament awtorizzat, fejn espona:

Illi in forza ta' sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar deciza fl-14 ta' Mejju 2001 (Avviz Nru: 211/01 AJD) kif jidher mill-kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "A", l-esponenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta'

Lm 223.29 (mitejn u tlieta u ghoxrin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu) li huwa ekwivalenti ghal EUR 520.13 (hames mija u ghoxrin Ewro u tlettax-il centezmu) oltre l-imghax legali u l-ispejjez gudizzjarji;

Illi l-intimat ghadu sallum ma hallas xejn minn dan l-ammont minnu dovut u l-esponenti ghandha interess illi tkompli tesegwixxi kontra l-intimat sabiex tottjeni l-hlas;

Illi minn dakinhar tas-sentenza sallum lahqu ghaddew (5) hames snin u ghaldaqstant l-imsemmija sentenza ma hiex aktar esegwibbli hlief bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tigi mitluba tordna l-esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-14 ta' Mejju 2001 u dana a tenur tal-artikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan nonostante huwa ma deherx ghas-seduta tal-5 ta' April, 2017 u lanqas ipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Marisa Cassar, Senior Accounts Clerk fl-Ufficju legali tas-socjeta attrici, li xehdet fis-seduta fuq imsemmija, ikkonfermat bil-gurament li l-ammont kanonizzat favur il-Korporazzjoni Enemalta bis-sentenza tal-14 ta' Mejju 2001 moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghadu kollu dovut, stante li l-intimat ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Marisa Cassar, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti bis-sentenza fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Ronald Attard, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-14 ta' Mejju 2001 (Avviz Nru: 211/01 AJD), u dan ai termini ta' l-Arikolu 258(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**